Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,074, 23 ta' Ġunju, 2023
Taqsima B

A.L. 125 tal-2023

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2023 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-Gradi ta' Bachelor of Arts – B.A. – u Bachelor of Arts (Honours) – B.A. (Hons) – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Arti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Arti bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2023 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-Gradi ta' Bachelor of Arts – B.A. – u Bachelor of Arts (Honours) – B.A. (Hons) – u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-Gradi ta' Bachelor of Arts - B.A. - u Bachelor of Arts (Honours) – B.A. (Hons) – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Arti, ippubblikati bħala Avviż Legali 11 tal-2005, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw mill-1 ta' Ottubru 2023 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 5 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok is-sottoparagrafu (a) tal-paragrafu (1) tal-ordinament 5 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(a) għall-**Ekonomija, l-Ingliż, il-Franċiż, il-Ġermaniż, il-Malti**, ikunu għaddew mill-Eżami fil-Livell tal-Matrikola Avvanzata, jew l-ekwivalenti, bi Grad Ċ jew aħjar fis-suġġett;"

4. Is-sottoparagrafu (j) għandu jidħol wara s-sottoparagrafu (i) tal-paragrafu (1) tal-ordinament 5 tal-ordinamenti prinċipali:

"(j) għat-**Taljan**, jew bħala qasam ta' studju Prinċipali jew bħala qasam ta' studju Sussidjarju, jridu jkunu għaddew mill-eżami fil-Livell Avvanzat jew Intermedju tal-Matrikola, jew l-ekwivalenti, bi Grad Ċ jew aħjar fit-Taljan."

5. Minflok il-paragrafu (4) tal-ordinament 5 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(4) Skont il-provvedimenti tar-regolament 16 (1) tar-Regolamenti għad-Dħul, il-Bord tad-Dħul, li jaġixxi fuq il-parir tal-Bord, jista' jħalli jidħlu fit-tieni sena tal-Kors għall-grad bl-Unuri, l-applikanti li għandhom Diploma tal-Università; diment li d-Diploma tkun f'waħda mill-oqsma ta' studju speċifikati fil-paragrafu (1) tal-ordinament 3, u diment li l-marka medja għat-taqsimiet-studju li saru fid-Diploma tkun mhix anqas minn 65%. Dawn l-istudenti jistgħu jkunu meħtieġa jsegwu programm ta' studju speċifiku jew taqsimiet-studju addizzjonali kif mitlub skont id-direzzjoni tal-Bord tal-Istudji."